A.L. 67 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1996 tal-Kors għall-Grad ta'
Master of Arts in Human Resource Development – M.A.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Arts in Human Resource Development – M.A.*

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"il-Bord tal-Fakultà" ifisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, il-*Management* u l-*Accountancy*;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Master of Arts in Human Resource Development – M.A.*;

"il-Kors" ifisser il-Kors ta' studji u riċerka li jwassal għall-Grad ta' *Master of Arts in Human Resource Development – M.A.*

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1994 jew wara.

Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Kandidati għad-dħul fil-Kors għandhom ikunu:

(a) persuni li għandhom grad universitarju b'*First* jew *Second Upper Class Honours* f'suġġett rilevanti approvat mill-Bord tal-Fakultà għal dan il-għan; jew

(b) persuni li għandhom grad universitarju jew kwalifika professjonali rikonoxxuta mill-Bord tal-Fakultà għall-iskop tad-dħul f'dan il-kors kif ukoll mhux anqas minn erba' snin esperjenza ta' xogħol f'livell superjuri f'qasam ta' responsabbilità fir-riżorsi umani.

(2) Qabel ma jiġu ammessi biex jirreġistraw għall-Kors l-applikanti kollha iridu jiġu approvati mill-Bord tal-Fakultà bir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Studji kostitwit taħt ir-regolament 5 bħala li għandhom it-tahriġ, l-għarfien u l-ħila meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt.

It-tul tal-Kors

4. (1) It-tul tal-Kors għandu jkun ta' sentejn studju *full-time*.

(2) F'ċirkostanzi eċċezzjonali kandidat jista' jiġi permess mill-Bord tal-Fakultà biex itemm il-programm tal-Kors fi żmien ta' mhux aktar minn tliet snin mir-reġistrazzjoni.

(3) Kandidat jista', bil-permess tal-Bord tal-Fakultà, jirreġistra fuq bażi *part-time* iżda f'kull każ dan il-kandidat għandu jagħmel mill-anqas l-ewwel semestru tal-Kors fuq bażi ta' studju *full-time*. Kull perijodu sussegwenti mgħoddi fi studju *part-time* għandu jiġi kkonsidrat bħala ekwivalenti għall-nofs l-istess perijodu ta' studju *full-time* kif speċifikat fil-paragrafu (1) u (2) ta' dan ir-regolament.

Kors ta' studji

5. (1) Il-Kors għandu jkun maqsum f'żewġ partijiet, l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti, u għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju, esperjenza prattika, dissertazzjoni u l-Eżamijiet Finali.

(2) L-Ewwel Parti għandha normalment issir fl-ewwel sena tal-kors li fiha l-kandidati kollha għandhom jiksbu mhux anqas minn għoxrin kredtu fl-oqsma li ġejjin:

(a) *Strategic Human Resource Management*
(b) *Organisational Culture and Change*
(ċ) In-Nies u x-Xogħol
(d) Relazzjonijiet ma' l-Impjegati
(e) Taħriġ u Żvilupp
(f) Oqsma oħra elettivi speċifikati mill-Bord tal-Fakultà minn żmien għal żmien.

(3) It-taqsimiet studju speċifiċi u l-prerekwiżiti kollha għandhom jiġu ddeterminati mill-Bord tal-Fakultà fil-bidu ta' kull Kors.

(4) Kandidat li ma jiksibx kredtu f'xi waħda mit-taqsimiet studji għandu jingħata l-permess biex jagħmel riparatorju darba waħda biss. Fir-rivalutazzjoni l-kredtu tal-kandidat jingħata l-grad jew D jew Wieħel.

(5) It-Tieni Parti għandha ssir normalment matul it-tieni sena tal-Kors li fiha l-kandidat għandu:

(a) joqgħod għall-perijodu ta' esperjenza prattika taħt superviżjoni fir-Riżorsi Umani għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur f'ambjent approvat ta' xogħol; u

(b) jikteb dissertazzjoni ta' bejn 30,000 u 50,000 kelma fuq suġġett approvat mill-Bord tal-Fakultà.

(6) Il-Bord ta' Studji għandu jiġi maħtur mill-Bord tal-Fakultà minn fost il-membri ta' l-i*staff* akkademiku u għandu jkun kompost minn *Chairman*, Koordinatur tal-kors u żewġ membri oħra. Il-funzjonijiet tiegħu għandhom ikunu li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Bord tal-Fakultà dwar id-dhul tal-kandidati u in ġenerali dwar l-amministrazzjoni u tmexxija tal-Kors. Għandu wkoll jaħtar konsulent akkademiku għal kull kandidat matul it-Tieni Parti tal-Kors.

(7) Il-konsulent akkademiku għandu jeħtieġ li l-kandidat jirraporta lilu kull meta jħossu neċessarju u għandu jirraporta lill-Bord ta' Studji u mbagħad lill-Bord tal-Fakultà kull kandidat li l-proġress tiegħu hu jikkonsidra nsodisfaċenti.

(8) Id-dissertazzjoni għandha tkun fuq suġġett approvat mill-Bord tal-Fakultà u għandha tkun jew rapport ta' riċerka oriġinali jew espressjoni ordinata u kritika fuq "data" eżistenti. Din għandha tkun miktuba, ttajpjata u llegata skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord tal-Fakulta għal dan il-għan.

(9) Kandidat li wara li jiġi debitament ammonit bil-miktub jibqa' jippersisti li jfalli *lectures* u/jew *tutorials* jew b'xi mod ieħor ma jaqdix id-dmirijiet akkademiċi tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni xierqa jista' jiġi mwaqqaf milli jkompli l-kors mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Fakultà.

Eżamijiet Finali

6. (1) Fi tmiem l-Ewwel Parti tal-Kors u wara li jkun kiseb il-kredti meħtieġa, il-kandidat għandu joqgħod għall-Eżamijiet Finali Miktubin.

(2) L-Eżamijiet Finali Miktubin għandhom jikkonsistu f'erba' karti u l-kandidat għandu jgħaddi minnhom kollha sabiex ikun jista' jkompli għat-Tieni Parti tal-Kors.

(3) Kandidati li jeħlu minn mhux aktar minn żewġ karti fl-Eżamijiet Finali Miktubin jistgħu jingħataw il-permess joqgħodu għall-eżami Riparatorju fis-sessjoni li jmiss fil-karta jew karti li jkun weħel. Kandidati jistgħu jirrepetu l-Eżamijiet Finali darba biss.

(4) Wara li jtemmu l-Ewwel u t-Tieni Parti tal-Kors il-kandidati għandhom jissottomettu d-dissertazzjoni biex tiġi eżaminata.

(5) Jista' wkoll isir eżami *viva-voce* fuq id-dissertazzjoni.

Riżultati Finali

7. (1) Ir-Riżultat Finali ta' kull kandidat għandu jieħu f'konsiderazzjoni dak kollu li jkun għamel il-kandidat fl-Eżamijiet Finali Miktubin, fid-dissertazzjoni u fit-taqsimiet studju.

(2) Kandidati li jtemmu b'suċċess il-Kors għandhom jikkwalifikaw għall-Grad u l-ismijiet tagħhom għandhom jiġu ppubblikati f'ordni alfabetiku u klassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.